MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 1210/2009

**Borda Brothers Limited**

**-vs-**

**Elisa Grieco, u b'digriet tas-16 ta' Diċembru, 2008, Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici inħatru kuraturi deputati għall-istess Elisa Grieco *stante* illi m'għadhiex tgħix Malta**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fil-11 ta' Dicembru 2009 li permezz tiegħu ir-rikorrenti Elisa Grieco ppremettiet:

Illi hija ppreżentat rikors għar-revoka tal-Mandat ta' Żgumbrament Nru: 1365/09JVA fl-ismijiet Borda Brothers Limited vs. Elisa Grieco li ġie appuntat għas-smiegħ għas-seduta tal-lum 11 ta' Dicembru, 2009.

Illi huma saru jafu dal-għodu stess illi b'kontro-mandat 2032/09 Borda Brothers Limited ħarġu l-kontro-mandat opportun biex b'hekk ir-rikors tar-revoka tal-Mandat tagħhom ma jkunx jista' jinstema' quddiem din il-Qorti.

Illi Elisa Grieco fil-frattemp ippreżentat kawża ta' rittrattazzjoni *stante* illi hija qatt ma ġiet notifikata bl-atti tal-kawża, kif kienu obbligati jagħmlu l-istess intimati Borda Brothers Limited u peress illi s-sentenza fuq imsemmija ġiet meħuda b'qerq u mhux skond il-Liġi.

Illi hija l-ewwel darba li ġiet notifikata b'dawn l-atti kienet għal ħabta nofs Novembru, 2009, ossia bil-Mandat ta' Żgumbrament 1365/09JVA meta ġiet infurmata b'dan minn ċertu Desmond Massa *stante* illi ilha ma tiġi Malta għal dawn l-aħħar sentejn peress illi kienet marida serjament.

Illi Borda Brothers Limited ma riedux jinnotifikawha b'din il-kawża u bl-atti kollha l-oħra sussegwenti u aċċessorji skond il-Liġi tant illi wara li ħarġu l-kontro-mandat għal Mandat ta' Żgumbrament 1365/09JVA fuq imsemmi, huma ħarġu Mandat ta' Żgumbrament ieħor b'numru 2025/09 fl-ismijiet: "Borda Brothers Limited vs Dr. Renzo Porsella Flores noe et" biex mingħalihom ikunu jistgħu jiżgumbraw lill-imsemmija Elisa Grieco mingħajr ma jinnotifikawha bl-atti kif obbligati jagħmlu skond il-Liġi.

Illi huma reġgħu ppruvaw iqarrqu biex minflok jinnotifikawha bl-atti tal-Mandat, jinnotifikaw lill-Kuraturi.

Illi hija għandha interess twaqqaf l-eżekuzzjoni ta' dan il-Mandat ta' Żgumbrament Nru: 2025/09 u qed titlob ir-revoka ta' dan il-Mandat ta' Żgumbrament issa ġja' ladarba hija preżentat ir-rikors ġuramentat ta' rittrattazzjoni u għalhekk qed titlob *ai termini* tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal Liġijiet ta' Malta biex din l-Onorabbli Qorti tħassar għal kollox il-Mandat ta' Żgumbrament Eżekuttiv fl-ismijiet premessi, u dawn taħt dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuna din il-Qorti *stante* illi s-sentenza tal-4 ta' Marzu, 2009, fil-kawża fi-ismijiet "Borda Brothers Limited vs. Elisa Grieco" deċiża

mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili ġiet meħuda b’qerq mingħajr ma’ l-konvenuta ġiet notifikata skond il-Liġi *ai termini* tal-Konvenzjoni Ewropeja, u għalhekk is-sentenza mogħtija ma kinitx skond il-Liġi, u dan għar-raġunijiet kif aħjar hawn taħt dedotti:

Illi Elisa Grieco ma ġiet notifikata qatt minkejja li hija ċittadina Ewropeja Taljana fil-pajjiż tad-domiċilju tagħha kif kienu obbligati jagħmlu Borda Brothers Limited a tenur tal-Liġi u tal-Konvenzjoni Ewropeja, u saret taf bil-Mandat ta’ Żgumbrament 1365/09JVA *tramite* Desmond Massa, u għalhekk hija nkarigat lill-Avukat sottoskritt biex jagħmel rikors għar-revoka opportun li ġie appuntat għas-smiegħ għal 11 ta’ Diċembru, 2009, pero’ li fil-frattemp wara li ġew notifikati b’dawn l-atti, l-intimati ħarġu l-Kontro-Mandat opportun li jġib in-numru 2032/09

Illi għalhekk jerġa’ jinħtieġ li jiġi ntavolat rikors fl-atti tal-Mandat ta’ Żgumbrament 2025/09 fl-atti tal-kawża ta’ rittrattazzjoni odjerna fejn jintalab lil din il-Qorti r-revoka ta’ l-istess peress illi Elisa Grieco qatt ma ġiet notifikata skond il-Liġi *ai termini* tar-Regolament Nru: 1303/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru, 2007 fuq *“Service in the Member States of Judicial and Extra-Judicial Documents in Civil and Commercial Matters”* u qatt ma kienet taf b’dawn il-proċeduri u peress illi l-pajjiż tad-domiċilju tar-rikorrenti huwa l-Italja kif jafu sew l-intimati, *stante* illi huma diġa’ kellhom n numru tal-passaport numru tagħha Y 034265 illum AA3376742 u huma misshom kienu jafu mill-kuntratt ta’ akkwist tal-31 ta’ Awissu, 2004, fi-atti tan-Nutar Maurice Gambin illi mill-AIP Numru tagħha li huwa 2004/0351 anness ma’ l-att bl-ittra B, hemm l-indirizz tar-residenza tagħha, u ċioe’ Via Palermo 28, Roma, Italia, liema dokument qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument EG1.

Illi b’qerq, malizja u b’abbuż tal-proċeduri, Anthony Borda fit-23 ta’ Frar, 2009, fl-atti tal-kawża fuq imsemmija, ddikjara illi m’għandux idea fejn tgħix il-konvenuta u kkonferma l-kontenut tar-Rikors Ġuramentat tiegħu, liema dokument qiegħed jiġi hawn esebit u mmarkat bħala Dok. EG2.

Illi huwa kien jaf jew messu kien jaf illi r-residenza u d-domiċilju tal-intimata huwa l-Italja u mill-kuntatt esebit fl-atti tal-kawża u mill-AIP Permit kellu l-indirizz sħiħ tagħha fejn hija kienet tabita u għalhekk id-dikjarazzjoni tiegħu li ma kellux idea fejn tgħix il-konvenuta hija għal kollox inveritjiera għaliex huwa setgħa faċilment isir jaf l-indirizz tagħha mhux biss minn dan il-kuntratt u l-AIP Permit imma wkoll *tramite* l-Ambaxxata Taljana.

Illi d-dikjarazzjoni tiegħu waslet lil Qorti biex tirrisolvi l-konċessjoni enfitewtika perpetwa b'dannu inġenti għall-intimata tant illi b'dan il-qerq hija tista' titlef proprjeta' ta' 'l fuq iktar minn €230,000 għal debitu rriżorju ta' €815.28 *circa*!

Illi biex teżimi ruħha minn kwalsiasi responsabbilta', l-intimata ddepożitat fir-Reġistru ta' din il-Qorti, iċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħames snin dovut lir-rikorrenti ammontanti għal €815.28 u dan kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok.EG6.

Illi *inoltre* skond l-Artikolu 2 – Para 1 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja 44/01 hemm stipulat illi persuni għandhom jiġu mħarrka fl-istati membri fejn huma domiċiljati u għalhekk ġja' ladarba Malta hija membru tal-Unjoni Ewropeja u firmatarja tal-Konvenzjoni Ewropeja, tali notifiki kellhom isiru skond il-Liġi fil-pajjiż fejn hija domiċiljata r-rikorrenti, iktar u iktar meta dan kien faċilment produċibbli u f'idejn l-istess rikorrenti.

Illi għalhekk meta hija saret taf b'dan il-qerq u illi r-rikorrenti kien ser imexxu għall-iżgumbrament tagħha u talbu l-ħruġ tal-Mandat ta' Żgumbrament, hija *ai termini* tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta talbet li jithassar għal kollox il-Mandat ta' Żgumbrament Eżekuttiv Nru: 1365/09JVA fl-ismijiet premessi li ġie sussegwentement b'kontro-mandat bin-numru 2032/09 u għalhekk issa qed titlob illi l-Mandat ta' Żgumbrament 2025/09 ma jiġix esegwit *ai termini* tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tħassar għal kollox il-Mandat ta' Żgumbrament Esekuttiv *stante* illi s-sentenza tal-4 ta'

Marzu, 2009, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġiet meħuda b'qerq, Elisa Grieco ma ġietx notifikata skond il-Liġi u s-sentenza ma ġietx mogħtija a tenur tal-Liġi.

Illi *inoltre* għandu jingħad illi hija ilha ma tiġi Malta għal dawn l-aħħar sentejn u ma kinitx qatt ġiet notifikata b'xi att ġudizzjarju la waqt li kienet hawn Malta u lanqas ġo l-Itaija u lanqas ma sabet imwaħħal mal-bieb tagħha hawn Malta jew l-Italja xi notifika ta' xi att ġudizzjarju biex tidher il-Qorti.

Illi hija immedjatament malli saret taf b'dan ikkonsultat ruħha ma' l-Avukat sottoskritti illi fid-19 ta' Novembru, 2009, kitbu lil Borda Brothers u għarrfuhom illi r-rikorrenti ma ġietx notifikata skond il-Liġi u biex ma jkomplux jesegwixxu l-Mandat ta' Żgumbrament fuq imsemmi.

Illi b'risposta tal-konsulent legali tar-rikorrenti tal-24 ta' Novembru, 2009, li kopja tagħha qegħda tiġi hawn esebita u mmarkata bħala Dok EG3, ir-rikorrenti Borda Brothers Limited informa lill-Avukat sottoskritt illi n-nuqqas ta' ħlas ta' arretrati ta' ċens għal dawn l-aħħar ħames snin, liema nuqqas iġib miegħu l-konsegwenza ndikata fl-imsemmija sentenza li *ormai* r-rikorrenti jippretendu illi għaddiet in ġudikat.

Illi din il-Qorti għandha tiġi mgħarrfa illi qabel dawn il-proċeduri, fit-Tribunal għat-Talbiet iż-Żgħar presjeduta mill-Ġudikatur Dr. Raphael Fenech Adami — Avv Nru: 172/07 RFA fil-kawża "Borda Brothers Limited vs. Elisa Grieco" deċiża fit-12 ta' Diċembru, 2008, l-atturi kienu talbu illi l-intimata tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' €652.22 rappreżentanti erbgħa snin ċens bejn is-27 ta' Lulju, 2004 sas-26 ta' Lulju, 2008, gravanti l-appartament imsemmi.

Illi f'dawn il-proċeduri wkoll hija qatt ma ġiet notifikata barra mill-ġurisdizzjoni imma biss *ai termini* ta' notifika fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali u *ai termini* tal-Artikoli 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u minkejja dan dawn il-proċeduri wkoll huma irriti u nulli in konfront

tagħha *stante* illi hija missha ġiet notifikata fl-Italja peress illi hija domiċiljata hemmhekk.

Illi *inoltre* hija ma kinitx taf bl-eżistenza ta' Borda Brothers Limited *stante* illi skond il-kuntratt ta' akkwist tagħha, il-padrun dirett kien Adrobe Limited u dan kif jirriżulta mill-kuntratt ta' akkwist tal-31 ta' Awissu, 2004, fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin li kopja tiegħu qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. EG4 li ġiet *struck off* mir-Reġistru tal-Malta Financial Services Authority fis-26 ta' April, 2000 kif jirriżulta mid-Dokument EG5.

Illi hija ma kienitx taf min kien il-padrun dirett għax il-padrun dirett Adrobe Limited wara s-26 ta' April, 2000 ma baqgħetx teżisti.

Illi kien sta għal padrun dirett il-ġdid biex jinforma lill-intimata illi huwa kien is-suċċessur fit-titolu taċ-ċens annwu u perpetwu fuq imsemmi b'ittra uffiċjali u għalhekk in-nuqqas li jidentifika lilu nnifsu magħha kien tiegħu u mhux tal-intimata, li sussegwentement ġiet affaċċjata b'dawn il-proċeduri li ma kinitx taf bihom.

Illi għalhekk skond id-*dictum - fraus omnia corrumpit* din il-Qorti għandha twaqqaf immedjatament l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Żgumbrament Eżekuttiv minħabba wkoll li ma ġewx esegwiti l-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tħassar għal kollox il-Mandat ta' Żgumbrament Eżekuttiv fl-ismijiet premessi, u dan taħt il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Borda Brothers Limited, ppreżentata fil-15 ta' Jannar 2010, li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. Illi l-mandat ta' żgumbrament in kwistjoni huwa att ġudizzjarju konsegwenzjali għal titolu eżekuttiv ottenut

mis-soċjeta’ Borda Brothers Limited kontra Elisa Grieco in forza ta’ sentenza li għaddiet in ġudikata mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fil-kawża fuq citata bin-numru 1157/08 JA datata 4 ta Marzu 2009;

2. Illi *inoltre* in segwitu u a tenur tal-istess sentenza fuq ċitata, ġie pubblikat il-kuntratt ta’ rexxissjoni tal-appartament ġia’ appartenenti lil Elisa Grieco, liema appartament issa ġie jappartjeni lil Borda Brothers Limited;

3. Illi in vista tal-premess, għalhekk l-effetti tal-preċitat mandat ta’ żgumbrament ma hu xejn ħlief li s-soċjeta’ Borda Brothers Limited qed tesiġi li tieħu lura l-pussess ta’ appartament li legalment ġie jappartjeni lilha in forza tal-preċitata sentenza u kuntratt pubbliku;

4. Illi fir-rikors odjern Elisa Grieco qiegħdha titlob it-tħassir tal-preċitat mandat in vista tal-fatt illi qiegħdha tallega li hija qatt ma ġiet notifikata skond il-liġi bil-kawża fuq ċitata u difatti pproċediet billi vvanzat tali talba f’rikors ieħor separat għal ritrattazzjoni;

5. Illi għalhekk in vista tat-fatt li l-premessi fuqhiex jinsab ibbażat l-odjern rikors għat-tħassir tal-mandat ta’ żgumbrament, huma proprjament l-istess premessi u kif ukoll il-meritu tar-rikors għal ritrattazzjoni u kwindi għad irid jiġi pprovat, trattat u deċiż jekk fil-fatt jeżistux l-elementi legali neċessarji għal ritrattazzoni *o meno*, it-talba odjerna għal tħassir tal-mandat hija ntempestiva u kwindi ma jistax jiġi milqugħ f’dan l-istadju minn dina l-Qorti fuq dan ir-rikors peress illi tali deċiżjoni tispetta lil Qorti oħra li sejra tiddeċiedi l-kwistjoni jekk hemmx lok għal ritrattazzjoni *o meno*;

6. Illi fil-fatt *se mai*, in vista tal-fatt li ġie preżentat rikors għal ritrattazzjoni, Elisa Grieco messha għamlet rikors fejn titlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-preċitat mandat fid-dawl ta’ l-istess talba għal ritrattazzjoni u mhux talba għat-tħassir totali. Ma tistax il-Qorti tiddeċiedi fuq tħassir ta’ mandat eżekuttiv meta fuq l-istess premessi Qorti oħra qiegħdha tiġi mistiedna tittratta talba għal ritrattazzjoni

nkella ser ikollna każ fejn bil-Malti *"il-karrettun ser jiġi qabel iż-żiemel"*;

7. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess jiġi rilevat *inoltre* li pendenti l-proċeduri ta' ritrattazzjoni, il-pretenzonijiet vantati minn Elisa Grieco m'humiex ser jiġu ppreġudikati u fil-fatt jinsabu adekwatament salvagwardjati *tramite* l-verbal magħmul mill-konsulent legali tas-soċjeta' Borda Bothers Limited fi proċeduri oħra bejn l-istess partijiet, kopja ta' liema verbal ġia' ġie esebit f'dawn il-proċeduri minn Dr Edward Debono f'isem Elisa Grieco fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2010;

8. Illi dwar is-sensiela ta' diversi aggravji u nsinwazzjonijiet imressqa minn Elisa Grieco fl-odjern rikors ma hi sejra ssir ebda risposta formali għalihom f'dan l-istess rikors peress illi r-risposti rispettivi sejrin jingħataw fir-rikors tal-istess Elisa Grieco għal ritrattazzjoni.

Għaldaqstant, is-soċjeta' Borda Brothers Limited titlob bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrespinġi t-talba kif kontenuta f'dan ir-rikors ta' Elisa Grieco u dana għar-raġunijiet ta' natura legali fuq esposti.

Bl-ispejjeż kontra l-istess Elisa Grieco.

Semgħet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' mejju 2010 li permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi llum stess din il-Qorti ppronunzjat sentenza fil-kawża fl-istess ismijiet u li ġġib in-numru 1157 tas-sena 2008 fejn ordnat is-smiegħ mill-ġdid tal-kawża li permezz tagħha ġiet ordnata r-riżoluzzjoni tal-enfitewsi favur il-konvenuta u attriċi f' din il-kawża;

Isegwi għalhekk li ladarba l-mandat li tiegħu qed tintalab ir-revoka nħareġ a bażi ta' dik is-sentenza, il-Qorti bilfors trid tħassar dak il-mandat;

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ Borda Brothers Limited u tilqa’ t-talbiet attriċi; l-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------